Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0057

L-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Marzu 2026 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza (COM(2022)0702 – C9-0410/2022 – 2022/0408(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0702),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0410/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta’ Marzu 2023[1],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta’ Diċembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0126/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

[1] ĠU C 184, 25.5.2023, p. 34.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2022)0408

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Marzu 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Direttiva (UE) 2026/799.)